MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Numru. 26/2009

Il-Pulizija
(Sp Tony Cachia)
vs
Vincent Cucciardi, iben Angelo, imwieled Pieta' fit-2 ta' Frar, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-10 ta' Jannar, 2009 għal habta tal-11.30 p.m., fi Triq Mdina, Żebbuġ bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe' tentattiv ta' ferita gravi, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa ndipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Charlotte Carter,

skond kif iċċertifikat Dr. Marika Caruana M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb għal persuna ta' Charlotte Carter sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi hedded bil-kliem lil Charlotte Carter;
5. talli fil-11 ta' Jannar, 2009 għal ħabta tas-6.45 a.m. fil-waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija, ġewwa d-depot tal-pulizija, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, u bil-ħsieb li jbeżżgħu talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżiu jinfluwixxu fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
6. talli fil-11 ta' Jannar, 2009 għal habta tas-6.45 a.m. fil-waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija, ġewwa d-depot tal-pulizija, volontarjament ħassar,għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' ħġieġa ta' bieb ġewwa s-CID fid-depot tal-pulizija liema ammont tal-ħsara għad irid jiġi stabbilit;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament, bil-lejl, kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, għas-sigurta' ta' Charlotte Carteer u il-familja tagħha.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat in-nota, kif ukoll semgħet ix-xhieda ta' Charlotte Carter, bil-ġurament fejn irrinunċjat u irtirat l-akkużi kontra l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu.

Rat li l-ħsara li għamel l-imputat tammonta għall-€11.65.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda l-ewwel erba' akkużi miġjuba kontra tiegħu. Issibu ħati tal-ħames, sitt u seba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95(1), 325(1)(d) u 338(bb) tal-Kodiċi Krimianli. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum. Rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah li jħallas lill-Gvern ta' Malta s-somma ta' €11.65 danni fi żmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------